# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Sitta u Għoxrin (26) ta' April 2022**

**Rikors Numru 706/2016 FDP**

Fl-ismijiet

**Avukat Dr Peter Grima**
**(ID 34988M)**

**Vs**

**Andrew Cremona (ID 471885M)**
**f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Emotion Imports Limited (C 54380)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 17 ta' Awissu 2016, li permezz tiegħu r-rikorrenti talab is-segwenti:

   *Illi f'Marzu 2015, ir-rikorrenti xtara l-vettura tat-tip Mini Cooper Park Lane, bin-numru ta' reġistrazzjoni BCD 507 mingħand Andrew Cremona proprio u għan-nom ta' Emotion Imports Limited.*

   *Illi r-rikorrenti xtara l-imsemmija vettura għall-prezz ta' sitt elef u ħames mitt euro (€ 6,500), li tħallas kollu mir-rikorrenti mal-kuntratt;*

   *Illi wara li r-rikorrenti ħa l-vettura għas-service għand il-mechanic tiegħu, huwa ġie informat mill-istess mechanic illi fis-cylinder head tal-magna kien hemm toqba liema toqba kienet ġiet imsewwija ta' kafkaf b'dan illi l-istess tiswija ma rnexxietx;*

   *Illi sabiex dan id-difett jiġi rranġat, l-ispiża ser tkun waħda sostanzjali;*

*Illi stante il-vettura de quo kienet kolpita minn difett moħbi, ir-rikorrenti jixtieq illi l-kuntratt li bih xtara l-vettura in diżamina jiġi rexiss;*

*Illi wara li l-esponenti sar jaf bl-eżistenza ta' tali difett, huwa ġie infurmat ukoll illi l-probbabilita' hi illi l-vendituri kienu jafu bl-eżistenza ta' tali difett;*

*Illi minkejja li s-soċjeta' intimata kienet regolarment interpellata sabiex tirrexxindi l-kuntratt de quo din baqgħet inadempjenti u konsegwentement kellha tiġi introdotta din il-proċedura.*

*Illi inoltre, sakemm tiġi riżolta din il-vertenza, l-esponenti ser ikun kostrett jiddepożita l-vettura taħt l-Awtorita' tal-Qorti bil-konsegwenza għalhekk li ma jkunx jista' jużaha u jkollu jikri karozza simili għal dik li xtara matul dak il-perijodu sakemm din il-kawża tiġi deċiża finalment. Il-kiri tal-karozza qed jiġi stmat bir-rata ta' tlett elef u ħames mitt euro fis-sena.*

*Għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, u in vista tal-premess l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li tieħu dawk il-provvedimenti li jidrulha xierqa u opportuni:*

1. *Tiddikjara li l-vettura konsenjata lill-attur, senjatament il-vettura Mini Cooper Park Lane bin-numru ta' reġistrazzjoni BCD 507 kienet kolpita b'difett moħbi, u li għal dan in-nuqqas huma responsabbli l-intimati peress li minħabba f'hekk ir-rikorrenti ma kienx jixtri l-vettura kieku kien jaf bl-istess difett u dana jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi;*

2. *Konsegwentement tordna li l-kuntratt ta' bejgħ tal-vettura de quo jiġi rexiss;*

3. *Tordna lill-intimati, in vista tal-obbligazzjonijiet rispettivi tagħhom, jirrifondu lir-rikorrenti s-somma ta' sitt elef u ħames mitt euro (€6,500), rappreżentanti l-prezz tal-bejgħ tal-vettura mertu tal-kawża oltre l-imgħax legali fuq dik is-somma mid-data tal-bejgħ sad-data tal-pagament effettiv;*

4. *Tiddikjara wkoll illi minħabba l-akkadut u partikolarment id-depożitu li qiegħed isir tal-vettura in kwistjoni taħt l-Awtorita' tal-Qorti r-rikorrenti sofra u ser ikompli jsofri danni ulterjuri konsistenti f'kiri ta' vettira simili għal użu tiegħu matul il-prosegwiment ta' din il-kawża;*

5. *Tillikwida l-istess danni jekk hemm bżonn bl-opra ta' l-istess perit;*

6. *Konsegwentement tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu lill-esponenti dik is-somma li tiġi hekk likwidata;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Mandat ta' sekwestru kwatelatorju fl-ismijiet premessi, u kif ukoll taċ-ċedola ta' depożitu li qed issir kontestwalment ma' din il-kawża, u bl-imgħax legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimati li huma min issa inġunti għas-subizzjoni tagħhom.*

2. Rat illi fis-26 ta' Settembru 2016, l-intimati laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiżi:

    1. *Preliminarjament, l-eċċepjent Andrew Cremona mhuwiex il-leġittimu kontradittur, u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-attur.*

    2. *F'kull każ, u fil-mertu, l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal-artikolu 1431 tal- Kodiċi Ċivili.*

    3. *F'kull każ ukoll, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fil-liġi u ma jeżisti ebda difett moħbi fil-vettura mibjugħa lill-attur mis-soċjeta' eċċepjenti.*

    4. *Inoltre, u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-eċċepjenti Emotion Imports Limited biegħet lill-attur il-vettura tat-tip Mini Cooper Park Lane in buona fede. Iż-żewġ eċċepjenti qatt ma kienu jafu u għadhom sallum ma jafux bl-eżistenza ta' dak li dwaru qed jilmenta l-attur, u l-attur ma jistax jitlob danni skond l-artikolu 1429 (2) tal-Kodiċi Ċivili.*

    5. *F'kull każ, u mingħajr preġudizzju, id-danni reklamati mill-attur huma danni ipotetiċi u mhux danni reali jew attwali, liema pretensjonijiet mhumiex riżarċibbli skond il-liġi.*

    6. *F'kull każ ukoll u assolutament mingħajr preġudizzju, l-eċċepjenti akkwistaw il-vettura mingħand terzi persuni, liema terzi persuni għalhekk għandhom jiġu kjamati fil-kawża u jwieġbu huma għall-pretensjonijiet tal-attur.*

    7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

**Provi**

3. Rat l-affidavit tar-rikorrent **Dr Peter Grima** ippreżentat fid-9 ta' Marzu 2017 (fol 18) flimkien ma' dokumentazzjoni konsistenti f'korrispondenza skambjata bejn il-partijiet f'Lulju tas-sena 2016.

4. Rat l-affidavit ta' **Matthew Vella**, mechanic tar-rikorrent, ippreżentat fis-27 ta' April 2017 (fol 28).

5. Rat l-affidavit ta' **David Deguara**, mechanic tar-rikorrent, ippreżentat fis-27 ta' April 2017 (fol 30).

6. Rat illi fl-20 ta' Ġunju 2017, fuq talba tal-partijiet, tqabbad bħala Espert Mekkaniku l-PL Quentin Tanti, sabiex jeżamina l-vettura meritu tal-kawża odjerna u jirrelata dwar il-ħsarat.

7. Rat illi fl-14 ta' Ġunju 2018, l-**Espert Tekniku PL Quentin Tanti** ippreżenta u ħalef ir-rapport tiegħu. (fol 41)

8. Rat id-dokumentazzjoni eżebita fil-21 ta' Frar 2019, ossija korrispondenza dwar kiri ta' vettura. (fol 70)

9. Rat illi fit-3 ta' April 2019 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

10. Rat illi fit-23 ta' Ottubru 2019, dina l-Qorti kif komposta ħadet konjizzjoni tal-atti w ir-rikorrent ikkonferma li ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

11. Rat l-affidavit ta' l-intimat **Andrew Cremona** ippreżentat fit-28 ta' Novembru 2019 (fol 81) flimkien ma' dokumentazzjoni, inkluż abbozz ta' ftehim redatt mir-rikorrent għall-akkwist tal-vettura f'Marzu 2015. (fol 89)

12. Semgħet ix-xhieda tal-Perit Tekniku l-PL Quentin Tanti mogħtija fl-20 ta' Frar 2020 w id-domandi in eskussjoni illi sarulu. (fol 91)

13. Semgħet ix-xhieda ta' **Stephen Cachia**, rappreżentant ta' Transport Malta, mogħtija fit-28 ta' April 2021 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppreżentati, ossija l-informazzjoni kollha relatata mal-vettura kif reġistrata ma' Transport Malta. (fol 132)

14. Semgħet ix-xhieda ta' **Dione Spiteri**, Service Manager fi ħdan Muscat Motors Limited, mogħtija fit-28 ta' April 2021. (fol 138)

15. Semgħet ix-xhieda ta' **Dorian Cremona**, rappreżentant ta' Muscat Motors Limited, mogħtija fit-30 ta' Ġunju 2021 (fol 143) u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebiti, ossija 'pre delivery report' li sar fit-28 ta' Mejju 2009 u ieħor li sar fid-9 ta' April 2010 kif ukoll xogħolijiet li saru fuq il-vettura fis-7 ta' Mejju 2010 u f'Awissu u Settembru tas-sena 2011.

16. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Dr Peter Grima illi saret fil-25 ta' Novembru 2021. (fol 157)

17. Rat illi fil-25 ta' Novembru 2021 il-partijiet ddikajraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw u għalhekk il-kawża setgħet titħalla għat-trattazzjoni finali.

18. Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fl-24 ta' Frar 2022, wara liema trattazzjoni il-kawża kienet differita għallum għas-sentenza.

**Fatti**

19. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi u xhieda prodotti quddiem dina l-Qorti, illi l-intimat Andrew Cremona, flimkien ma' persuna oħra, ossija Shawn Abela, joperaw ditta illi timporta u tbiegħ il-vetturi 'second hand' ġewwa Malta, liema ditta jisimha Emotion Imports Limited.

20. Jirriżulta illi r-rikorrent Dr Peter Grima kien ġia a konoxxenza, tramite 'Facebook', illi kien hemm Mini Cooper Park Lane 'second hand' tas-sena 2006 għall-bejgħ, u kien għamel kuntatt ma' Shawn Abela, bil-għan illi jindaga dwar il-vettura fuq imsemmija, li kellha Numru ta' Reġistrazzjoni BCD 507.

21. Jirriżulta illi r-rikorrent kien mgħarraf li din il-vettura kienet ġiet importata fis-sena 2009 bħala 'second hand' mingħand Muscat Motors Limited, meta kellha ġia 55,000 mil, u eventwalment inbiegħet lill-terzi, li użawha sakemm finalment, ftit qabel ma kellmu r-rikorrenti, fil-25 ta' Frar 2015, (vide fol 136), is-soċjeta' intimata Emotion Imports Limited kienet akkwistata meta kellha 88,000 mil.

22. Jirriżulta illi sussegwentement, ir-rikorrent mar jara l-vettura flimkien mal-mechanic tiegħu, ċertu Victor Grima, li vverifika li l-vettura kienet tajba, u għalhekk r-rikorrent daħal f'negozjati ma' Shawn Abela u, mill-prezz rikjest ta' €6,950, ftehmu illi r-rikorrent jixtriha għal prezz ta' €6,500 bil-liċenzja tat-triq imġedda.

23. Jirriżulta illi r-rikorrent irrediġa ftehim fid-9 ta' Marzu 2015, eżebit mill-intimati a fol 89, u ħallas id-depositi u, l-għada, l-10 ta' Marzu 2015 jirriżulta illi seħħ it-trasferiment mis-soċjeta' Emotion Limited għal fuq ir-rikorrent, kif jidher fil-Vehicle History Details eżebiti mit-Transport Malta (vide fol 136).

24. Jirriżulta illi hekk kif akkwista l-vettura, ir-rikorrent ħa l-vettura għand il-mechanic tiegħu, Victor Grima, illi dan għamel service tal-vettura u ma nstab xejn ħażin fiha.

25. Jirriżulta illi wara li r-rikorrent kien għamel madwar 5,000 mil bil-vettura, huwa ħa l-vettura għand mechanic illi huwa speċjalizzat fil-vetturi Mini Cooper, Matthew Vella, u dan għamel service sħiħ tal-vettura fejn ma nstab xejn ħażin fil-vettura.

26. Jirriżulta illi finalment, f'Ġunju 2016, hekk kif ir-rikorrent kien reġa' għamel madwar 5,000 mil bil-vettura, ir-rikorrent reġa' ħa l-vettura tiegħu għand il-mechanic Matthew Vella.

27. Jirriżulta illi hekk kif kienet għand il-mechanic, ġie osservat li kien hemm "leak fit-thermostat housing' u eżami aktar akkurat wera illi kien hemm 'corrosion' fis-cylinder head tal-vettura li kien qiegħed jikkawża tali leak, u r-rikorrent intbagħat għand mechanic ieħor, ossija David Deguara.

28. Jirriżulta illi l-mecahnic David Deguara ikkonstata illi kien hemm ħsara konsiderevoli fis-cylinder head tal-vettura w sabiex tissewwa l-ispiża kienet ta' madwar €2,000 eskluż spejjeż tax-xogħol.

29. Jirriżulta illi fit-13 ta' Lulju 2016, huwa kiteb lil Andrew Cremona kif ukoll Shaun Abela u għarrafhom b'dak illi kien intqal lilu mill-mechanic u talabhom sabiex jew jroddulu lura l-flejjes minnu mħallsa jew inkella jħallsuh tal-ħsarat u jieħu ħsieb jirranġa huwa stess.

30. Jirriżulta illi, dakinhar stess, Shaun Abela irrisponda lir-rikorrent fejn għarrfu illi l-vettura kienet mixtrija second hand u għand ir-rikorrent għal aktar minn sena u nofs mingħajr ma kellu ebda problema biha qabel, filwaqt illi saħaq illi ma kienx ser jagħmel tajjeb għall-ħsarat li nqalgħu wara t-trapass ta' tali perjodu twil.

31. Jirriżulta illi, eventwalment, fis-17 ta' Awissu 2016, ir-rikorrent nieda l-proċeduri odjerni filwaqt illi kontestwalment ippreżenta ċedola li biha ddeposita l-vettura taħt l-Awtorita' tal-Qorti.

## Vertenza

32. Jirriżulta illi, permezz tar-rikors ġuramentat odjern, ir-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex jiġi dikjarat li l-vettura kienet kolpita b'difett moħbi li għaliha kienu responsabbli l-intimati, filwaqt illi talab żewġ affarijiet distinti:

    a. Jiġi rexiss il-kuntrattt ta' akkwist u rifuż lura l-prezz tal-vettura;

    b. Jiġu likwidati danni sofferti mir-rikorrent riżultat ta' kiri ta' vettura tul il-kawża odjerna.

33. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimati, fid-difiża tagħhom, qajjmu varji difiċi, li jinkludu s-segwenti:

    a. Illi Andrew Cremona ma huwiex il-leġittimu kontradittur;
    b. Illi l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-Artikolu 1431 tal-Kap 16;
    c. Illi ma hemm ebda difett moħbi;
    d. Illi l-vettura inbiegħet in buona fede u għalhekk ebda danni ma huma dovuti filwaqt illi saħaq li d-danni pretiżi huma ipotetiċi.

34. Jirriżulta illi l-intimati talbu wkoll għall-kjamat in kawża ta' terzi persuni mingħand min inxtrat il-vettura, liema eċċezzjoni, madankollu, tali talba qatt ma ġiet indirizzata mill-partijiet fil-mori tal-kawża, u għalhekk il-Qorti tqis illi l-intimat ma kienx fadallu interess f'tali talba.

## Konsiderazzjonijiet legali

35. Jirriżulta ċar illi l-azzjoni odjerna intavolta mir-rikorrenti hija l-azzjoni ikkontemplata fl-Artikolu 1427 tal-Kap 16 magħrufa bħala '*Actio Redhibitoria*' fejn ix-xerrej, f'dan il-każ ir-rikorrent, jagħżel illi jagħti lura l-ħaġa minnu mixrtija u jitlob lura ir-radd tal-prezz.

36. Jirriżulta, għalhekk, illi jkun opportun li jiġu eżaminati l-elementi rikjesti għal tali tip ta' azzjoni. Fil-kawża '**Helen Micallef vs Godfrey Debattista**' deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ottubru 2005, saru s-segwenti osservazzjonijet dwar l-azzjoni redhibitorja f'każ li kien ukoll jirrigwarda bejgħ ta' vettura 'second hand':

    *Illi l-elementi tal-azzjoni sussidjarja rexissorja magħżula mill-attriċi jikkonsistu*

    *(a) f'bejgħ format ta' ħaġa milquta b'difett li jkun*
    *(b) gravi u serju, li*
    *(ċ) jkun mistur, u*
    *(d) li jkun diġa' jeżisti fil-waqt tal-bejgħ.*

*Biex jista' jingħad li d-difett ikun serju, irid*

- *jew ikun tali li, minħabba fih, il-ħaġa mixtrija ma tibqax aktar tajba għall-għan li għalih inxtrat (dan jissejjaħ difett gravi oġġettiv),*

- *jew inkella d-difett ikun tali li, kieku x-xerrej kien jaf bih, ma kienx iħallas għall-ħaġa daqskemm fil-fatt ikun ħallas biex kisibha (dan jissejjaħ difett gravi suġġettiv).*

*X'aktarx li għall-finijiet tal-azzjoni redibitorja, d-difett irid ikun oġġettivament serju. Difett ikun moħbi meta xerrej ta' dehen ordinarju li jagħmel eżami għaqli tal-ħaġa mixtrija bil-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ma jkunx jew ma kienx f'qagħda li jista' jintebah bih fil-waqt tax-xiri.*

*Iżda jekk difett ikun wieħed li jista' jidher jekk isir eżami xieraq, ma jibqax aktar difett mistur, ukoll jekk, mad-daqqa t'għajn, ma jkunx jidher.*

*B'mod partikolari, xerrej ma jistax jilgħabha tal-injorant fit-teknika jew fil-kumplessita' tal-ħaġa mixtrija biex jeħles mill-obbligu li jifli b'għaqal il-ħaġa minnu miksuba. Kemm hu hekk, jekk xerrej m'għandux il-ħila li jifli sewwa l-ħaġa mixtrija, għandu jdur għall-għajnuna ta' persuna midħla jew imħarrġa f'dak l-oġġett;*

*Illi jaqa' fuq il-parti attriċi li tipprova li l-ħaġa mibjugħa kienet milquta minn difett moħbi fil-waqt tal-ftehim, u daqstant ieħor trid turi li d-difett kien tassew wieħed moħbi.*

*Il-fatt li l-bejjiegħ ma jkunx huwa wkoll jaf li l-ħaġa hija milquta b'difett li ma jidhirx ma jnaqqas xejn mill-obbligu tiegħu li jiggarantixxi l-ħaġa mibjugħa. Iżda jekk jintwera li huwa kien jaf bih u ma tkellimx, ikun irid jagħmel tajjeb ukoll għad-danni li jkun ġarrab ix-xerrej minħabba f'dak is-skiet tal-bejjiegħ.*

*Il-bejjiegħ ibati t-telf tal-ħaġa jekk din tinqered minħabba d-difett, sakemm il-qerda ma sseħħx b'aċċident jew minħabba l-fatt tax-xerrej, f'liema każi t-telf ibatih l-istess xerrej;*

*Illi jitqies bħala "difett" kull abnormalita', imperfezzjoni, ksur jew avarija li tnaqqas mill-ħaġa mibjugħa l-użu sħiħ li kienet maħsuba li twettaq.*

*Min-naħa l-oħra, huwa redibitorju dak id-difett li jolqot b'mod rilevanti jew il-mod kif il-ħaġa mixtrija taħdem jew taqdi, jew il-prezz tagħha.*

*Illi huwa stabilit li l-pretensjonijiet redibitorji jridu jitqanqlu b'azzjoni apposta fiż-żmien mogħti mil-liġi u ma jistgħux jitqajmu bħala eċċezzjoni għal azzjoni mill-bejjiegħ għall-ħlas tal-prezz.*

*Minbarra dan, meta x-xerrej jagħżel bejn l-azzjoni redibitorja u dik estimatorja, ma jistax iressaqhom flimkien, jew, wara li jkun għażel waħda, idur għall-oħra;*

37. Dwar in-natura tad-difett moħbi, fil-kawża **Avukat Dottor Anton Felice et vs Aplan Limited** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell nhar it-tnax (12) ta' Jannar, 2005 intqal illi:-

*"Naturalment id-difett ma hemmx għalfejn ikun ta' xi gravita estrema imma hu biżżejjed li l-vizzju jkun ta' serjeta fil-kuntest u perspettiva tal-każ. Wieħed għandu dejjem iħares lejn is-sostanzjalita tal-vizzju".*

38. Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għall-kawża '**Joseph Bonanno vs Raymond Dimech**', deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Jannar 2005, fejn il-Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*Il-vera kontestazzjoni tikkonċerna f'dan il-każ ix-xorta ta' difett, u ċioe, jekk dan kienx apparenti jew moħbi. Materja din li ċertament tiddependi mill-apprezzament tal-fatti;*

*Jingħad a propożitu fis-sentenza a Vol. XXXIV P II p 612 illi:*

*"il-vizzju huwa redibitorju meta, fil-waqt tal-kontrattazzjoni jew tar-riċezzjoni tal-ħaġa akkwistata, il-ħaġa ma tippreżentax traċċi li jirrilevaw l-eżistenza ta' difetti li xerrej medjokrement attent u diliġenti ma jkunx jista' jagħrafhom u jivvalutahom waħdu. Id-difett jista' jkun moħbi wkoll jekk ma jkunx jista' jimmanifesta ruħu ħlief bl-użu tal-ħaġa";*

*Invece jekk id-difett ikun jidher jew ix-xerrej seta' jsir jaf bih waħdu l-venditur mhux tenut iwieġeb għalih (Artikolu 1425, Kodiċi Ċivili). Li jfisser li:*

*"il venditore non è tenuto pei vizi che possono essere rilevati per mezzo della semplice visione della merce, o per altre circostanze estrinsiche, allorche` queste sono tali da dovere eccitare particolarmente l' attenzione del compratore" (Kollez. Vol. XV p 316);*

*Raġonevolment, kif jinsab ukoll deċiż,*

*"in-natura apparenti jew okkulta tal-vizzju għandha tiġi konsidrata in rapport tal-kapaċita` u konjizzjoni komuni tal-bniedem, u mhux biżżejjed biex vizzju jiġi ritenut apparenti ċ-ċirkostanza li s-sussistenza tal-vizzju tista' tiġi rilevata minn bniedem ta' l-arti jew perit" (Kollez. Vol. XXXVIII PI p 279);*

39. Jirriżulta illi rikjesta essenzjali ta' Azzjoni Redhibitorja hija illi l-vettura tintradd lura lix-xerrej, intimati f'dan il-każ, u hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għal dak illi qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża '**Busietta vs Borg Cardona**' deċiża fis-6 ta' Ottubru 2000, fejn dwar dan l-element kellha dan xi tgħid:

*"Fondamentali ... hu l-prinċipju li l-actio redhibitoria kienet timponi fuq il-kompratur 'li jagħti lura l-ħaġa' u ċjoe' r-restituzzjoni ta' l-oġġett mixtri mill-venditur u kontestwalment li 'jitlob ir-radd tal-prezz'. Il-liġi ma*

*tippermetti allura l-ebda alternattiva oħra lill-kumpratur li jagħżel li jaġixxi bl-azzjoni redibitorja. Fil-verita' allura l-kompratur ma kellux id-dritt li jibqa' jżomm l-oġġett f'idejh u li jirrilaxxjah biss lill-venditur meta dan iroddlu l-prezz tiegħu. Hu kellu l-obbligu li minnufih appena jirrifjuta l-oġġett mibjugħ għaliex ikun irriskontra d-difett latenti jagħti lura l-ħaġa lill-venditur"*

**Rapport Peritali**

40. Jirriżulta illi, bħala parti mill-provi prodotti, fuq talba tal-partijiet, tqabbad Perit Tekniku, ossija l-PL Quentin Tanti, sabiex jinvestiga l-ilment tar-rikorrent u jirrelata dwarha.

41. Jirriżulta illi wara li għamel l-eżamijiet kollha li kien hemm bżonn, l-Espert Tekniku wasal għas-segwenti konklużjonijiet:

*4.1 Konklużjonijiet dwar is-'cylinder head' tal-vettura*

*4.1.1 Illi l-esponent wara li spezzjona u eżamina is-Cylinder Head tal-vettura Mini Cooper Park Lane in diżmanina, huwa stabbilixxa illi jeżisti difett bejn il-wiċċ tas-cylinder head u t-thermostat housing - liema difett kien moħbi u seta' biss jiġi konstatat wara li jiżżarmaw il-partijiet deskritti aktar 'il fuq f'dan ir-rapport.*

*4.1.2 Illi ġie wkoll stabbilit illi ma sarux tentattivi ta' tiswija fis-cylinder head per se, u ċioe' welding u facing tal-wiċċ tas-cylinder head ma fejn tgħafas it-thermostat housing.*

*4.1.3 Illi, sabiex tissewwa l-vettura - ossia jiġi eliminat id-difett li minnu hija afflitta, wieħed jinsab affaċċjat b'żewġ għażliet/alternattivi, senjatament;*

*a) Li titbiddel is-cylinder head sħiħa b'waħda ġdida li tiswa €2,051.06c skond quotation ta' Muscats Motors Limited - hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok Q- MML1' flimkien ma Cylinder Head Gasket u Decarbonising Gasket Set fl-ammont ta' €270.24 skond quotation ta' Muscats Motors Limited - hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok Q-MML2', flimkien ma' cylinder head bolts fl-ammont ta' €60.00 u coolant fluid fl-ammont ta' €35.00 in aggiunta mal-labour cost biex tiġi żarmata is-cylinder head preżenti u tiġi armata is-cylinder head il-ġdida, fl-ammont ta' €350.00 - għat-total ta' €2,766.30c.*

*jew,*

*b) Li tinqala is-cylinder head difettuża, tittieħed għand engineer, timtela bil-welding tal-aluminium dik il-parti difettuża dettaljata f' IMG 014 bi vleġġa blu u tiġi sussegwentement faced b'milling machine - liema xogħol jiġi jiswa ċirca €140 u wara terġa' tintrama fuq il-vettura, b'dan illi jkun hemm bżonn xorta waħda ta' Cylinder Head Gasket ġdida u Decarbonising Gasket Set ġdid fl-ammont ta' €270.24, skond quotation*

> *ta' Muscats Motors Limited - hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok Q-MML2', flimkien ma' cylinder head bolts fl-ammont ta' €60.00 u coolant fluid fl-ammont ta' € 35.00 in aggiunta mal-labour cost biex tiġi żarmata is-cylinder head preżenti u terġa tiġi armata wara t-tiswija fl-inġinerija, fl-ammont ta' €350.00 - għat-total ta' €855.24c.*

> *Tant għandu x'jirrelata l-esponent a rigward tal-każ in kwistjoni u għaldaqstant, l-esponent umilment u bir-rispett jissottometti tali rapport imħejji minnu għas-savju u superjuri ġudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti.*

42. Jirriżulta illi r-rapport jagħmilha ċara illi l-vettura kellha difett moħbi li seta' jiġi aċċertat biss wara li tinfetaħ il-magna, liema difett kien, madanakollu, wieħed rimedjabbli.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

43. Ikkunsidrati l-fatti kif fuq deskritti, t-tagħlim tal-Liġi u ġurisprudenza kif ukoll ir-rapport peritali w il-konklużjonijiet hemm magħmula, il-Qorti ser tgħaddi biex tibda tagħmel l-osservazzjonijet tagħha dwar it-talbiet w difiżi kif prodotti.

***- Talba għal danni***

44. Il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għat-tieni parti tat-talbiet tar-rikorrenti, ossija ir-raba', ħames u sitt talba kif redatti minnu, fejn talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimati iħallsu danni relatati mal-kiri ta' vettura.

45. Jirriżulta ċar, fix-xhieda tar-rikorrent in kontro eżami, illi huwa stqarr li minkejja li baqa' mingħajr vettura, huwa ma kera ebda vettura oħra flok dik meritu tal-kawża odjerna, u għalhekk ma inkorra ebda spiża addizzjonali.

46. Jirriżulta ċar ukoll, kemm mill-affidavit ta' l-intimat kif ukoll mid-domandi in eskussjoni illi saru lill-Perit Tekniku l-PL Quentin Tanti, illi l-ħsara illi ġiet riskontrata fis-Cylinder Head tal-vettura, kienet ħsara illi kienet ilha taggrava ruħha għal ħafna żmien, tant illi ma kienx eskluż illi tali ħsarat kienu ġia hemm meta s-soċjeta intimata kienet akkwistat il-vettura hija stess mingħand terzi.

47. Jirriżulta, finalment, kif aċċettat fis-sottomissjonijiet tal-partijiet, illi r-rikorrenti ma kienx qiegħed jinsisti aktar għal danni a tenur tal-Artikolu 1429 tal-Kap 16.

48. Għalhekk, il-Qorti ser tikkonkludi illi ir-raba', ħames u sitt talba tar-rikorrenti ma jirriżultawx ippruvati.

***- Andrew Cremona mhux leġittimu kontradittur***

49. Jirriżulta illi l-ewwel difiċa mqajjma mill-intimat, personalment, kienet illi huwa ma kienx il-leġittimu kontradittur, stante illi l-vettura kienet tas-soċjeta' Emotion Imports Limited, u kienet l-istess soċjeta' Emotion Imports Limited illi biegħet il-vettura lir-rikorrent.

50. Jirriżulta, mix-xhieda tar-rikorrent stess, illi n-negozjati kollha illi saru in konnessjoni mal-akkwist tal-vettura, saru ma' ċerta Shaun Abela li, flimkien ma' l-intimat Andrew Cremona, jiġġestixxu flimkien il-kumpannija Emotion Imports Limited.

51. Jirriżulta wkoll, mid-dokumentazzjoni ippreżentata mit-Transport Malta, illi l-vettura kienet oriġinalment reġistrata f'isem Bartolomea Calleja fl-24 ta' Lulju 2009, u sussegwentement ġiet reġistrata f'isem is-soċjeta' intimata Emotion Imports Limited fil-25 ta' Frar 2015, u finalment ġiet reġistrata f'isem ir-rikorrent Peter Grima fl-10 ta' Marzu 2015. (vide fol 136)

52. Jirriżulta wkoll, finalment, illi skond skrittura redatta mir-rikorrent stess u datata 9 ta' Marzu 2015, ġie indikat illi l-vettura kienet qiegħda tinbiegħ minn Emotion. Jingħad, madanakollu, illi ma jidhirx illi tali dokument qatt ġie iffirmat mill-partijiet.

53. Abbażi ta' tali konsiderazzjonijiet, jidher ċar illi Andrew Cremona, intimat fil-proċeduri odjerni, qatt ma kien il-persuna illi la tratta mar-rikorrent u wisq anqas kien is-sid tal-vettura Mini Cooper BCD 507, u għalhekk id-difiża imqajma mill-intimat Andrew Cremona, personalment, timmerita illi tintlaqa'.

***- Azzjoni Preskritta a tenur tal-Artikolu 1431 tal-Kap 16***

54. L-intimati jikkontendu illi l-azzjoni odjerna hija preskritta bit-trapass tat-terminu ta' sitt xhur kif ipprovdut fl-Artikolu 1431 (1) tal-Kap 12.

55. Mill-assjem tal-provi, jirriżulta illi r-rikorrenti ġie a korrent tal-fatt illi l-vettura kellha problema fis-cylinder head fil-11 ta' Lulju 2016, kif jidher minn email mibgħuta lill-istess rikorrent mill-mechnaic David Deguara. (vide fol 22)

56. Jirriżulta wkoll illi fit-13 ta' Lulju 2016, ir-rikorrent ġab dana kollu a konjizzjoni ta' l-intimati Shaun Abela u Andrew Cremona, li da parte tagħhom, dakinhar stess, irrifjutaw kwalsiasi responsabbilta', kif jidher mill-emails eżebiti mir-rikorrent stess. (vide fol 23-24)

57. Jirriżulta illi l-azzjoni odjerna ttieħdet fis-17 ta' Awissu 2016.

58. Jirriżulta illi, a tenur tal-Artikolu 1431 (2) tal-Kap 16,

> *... jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx jgħaddu ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett.*

59. Jidher ċar illi, entro il-perjodu ta' sitt xhur li skatta mill-11 ta' Lulju 2016, ir-rikorrent nieda l-proċeduri odjerni kontra l-intimati, u għalhekk l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ma tistax tiġi kkunsidrata favorevolment.

***- Difett moħbi***

60. Jirriżulta mingħajr ebda dubju illi l-vettura Mini Cooper Park Lane kellha difett moħbi fil-magna tagħha, fejn jidher li dik il-parti tas-cylinder head li fiha jidħol it-thermostat

w il-housing ta' l-istess thermostat u jgħaddi l-ilma biex titkessaħ il-magna, kien konsiderevolment mikul b' 'corrosion', li eventwalment wassal sabiex, wara ħmistax-il xahar ta' użu kontinwu da' parte tar-rikorrent, fejn għamel aktar minn 10,000 mil, fi kliemu stess, il-vettura bdiet titlef il-'coolant'.

61. Jirriżulta wkoll illi, kemm qabel ma xtara l-vettura, kif ukoll wara li xtara l-vettura, il-magna tal-vettura ġiet spezzjonata minn żewġ mechanics differenti, li lkoll għamlu service fil-magna w il-vettura fejn ma rriskontraw ebda problemi fil-magna.

62. Il-Qorti, madanakollu, ma tistax ma tosservax illi, kif jidher fir-ritratti eżebiti mill-Perit Tekniku a fol 49 u 50 tal-proċess, huwa ċar illi kien applikat ammont sostanzjali ta' 'silicone sealant' iswed mat-*thermostat housing* illi seta' ġie faċilment riskontrat minn pesuna tas-sengħa u l-arti, li madanakollu ċertament ma setax ikun ir-rikorrent – huwa għalhekk li l-Qorti ssibha diffiċli tifhem kif żewġ mechanics differenti naqqsu milli jirriskontraw tali xogħol ta' siġillar li jidher li sar minn terzi u li ċertament kellu jwassal għall-investigazzjoni aktar approfondita minn min kien qiegħed jivverifika l-vettura għar-rikorrent.

63. Madanakollu, l-Qorti tikkonċedi li, kif del resto saħaq il-Perit Tekniku, d-difett fis-cylinder head kien wieħed moħbi u seta' jiġi verifikat biss billi tiżżarma dik il-parti tal-housing li kienet tmiss mas-cylinder head.

64. Għalhekk, ma għandu jkun hemm ebda dubju li tali difett kien wieħed moħbi.

**- *Rexissjoni tal-bejgħ***

65. Ikkonstatat illi d-difett kien wieħed moħbi, il-Qorti trid tikkunsidra jekk tali difett kienx ta' tali natura u gravita illi kien jolqot b'mod rilevanti t-tħaddim u l-operat tal-vettura.

66. Hawnhekk, il-Qorti tibda billi tosserva illi l-vettura illi akkwista r-rikorrent mingħand l-intimati vettura illi ġiet manifatturata fis-sena 2006, ġiet impurtata fis-sena 2009 f'Malta bħala vettura '*second hand'*, fejn, fl-24 ta' Lulju 2009, ġiet reġistrata f'isem Bartolomea Calleja meta, fi kliem Shaun Abela meta kien qiegħed jikkorrispondi mar-rikorrent fuq Facebook qabel ma nxtrat il-vettura, kellha ġia 55,000 mili fuqha. (vide fol 20). Jirriżulta illi sussegwentement, fil-25 ta' Frar 2015 ġiet trasferita fuq is-soċjeta' intimata Emotion Importers Limited meta kellha, dejjem fi kliem Shaun Abela, 88,000 mil fuqha. Eventwalment, il-vettura inbiegħet ftit wara, ossija fl-10 ta' Marzu 2015, lir-rikorrent, meta kellha ġia 88,000 mil, ossija ftit aktar minn mija u erbgħin elf kilometru (140,000 km), ta' sewqan fuqha.

67. Jirriżulta wkoll illi, wara li r-rikorrent akkwista l-vettura, huwa beda jużaha regolarment u, di fatti, jirriżulta li meta eżaminaha l-Perit Tekniku, l-vettura kellha reġistrati 98,593 mili, fatt illi jikkorrobora l-verżjoni tal-fatti tar-rikorrent fejn stqarr illi kull 5,000 mil, huwa kien jagħmel service lill-vettura.

68. Dana kollu qiegħed jingħad u jiġi osservat, peress illi, kif jidher ċar mill-provi prodotti, meta r-rikorrent kien qiegħed jinnegozja biex jakkwista l-vettura, huwa kien ben a korrent illi kien qiegħed jixtri vettura ta' madwar disgħa (9) snin, u del resto, nnegozja mas-soċjeta' intimata fuq il-prezz, tant illi mill-prezz oriġinali ta' €6,950, huwa akkwista l-vettura għall-prezz ta' €6,500. Il-Qorti tqis illi kwalsiasi persuna għandha

tkun konxja tal-fatt illi vettura, li għandha mat-88,000 mil ossija 140,000 kilometru fuqha, jaf ikollha problemi, anke serji, bħal każ odjern.

69. Stabbilit illi l-ħsara illi ġiet riskontrata fil-magna kienet ħsara moħbija u pre-eżistenti meta nbiegħet il-vettura lir-rikorrent mis-soċjeta' intimata, liema soċjeta' intimata qatt ma kienet użat il-vettura qabel stante illi hija kienet biss 're-seller' ta' vetturi, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, minkejja tali difett, ir-rikorrent kien f'posizzjoni illi juża l-vettura b'mod kostanti u regolari għal aktar minn sena, tant illi, fuq medda ta' sittax-il xahar, kien irreġistra madwar 10,000 mili fuq il-vettura, ossija ftit aktar minn sittax-il elf kilometru (16,000) – ftit anqas minn elf kilometru (1,000km) fix-xahar.

70. Dana qiegħed jingħad, għax l-azzjoni redhibitorja, li ġiet intentata mir-rikorrent, flok dik aestimatorja, illi seta' faċilment jagħmel ukoll ir-rikorrent, twassal sabiex il-bejgħ tal-vettura jiġi rexiss, bir-riżultat illi, kemm ix-xerrej, ossija ir-rikorrent odjern, u l-bejjiegħ, ossija s-soċjeta' intimata odjerna, jiġu mqiegħda lura fil-posizzjoni illi huma kienu fiha qabel ma seħħ il-bejgħ, ossija fl-10 ta' Marzu 2015.

71. Il-Qorti tistqarr illi, wara li vettura kienet ilha tintuża għal aktar minn sena u tkun għamlet aktar minn sittax-il elf kilometru, hija inverosimili li l-partijiet jistgħu, b'xi mod, jitqiegħdu fil-posizzjoni illi kienu fiha qabel ma seħħ il-bejgħ – ċertament is-soċjeta' intimata qatt ma tista' titqiegħed fl-istess posizzjoni!

72. Il-Qorti tosserva wkoll illi, a differenza ta' dak illi qiegħed jiġi asserit mir-rikorrenti, għalkemm huwa minnu illi l-vettura għandha ħsara moħbija fiha, tali ħsara ċertament ma hijiex waħda irrimedjabbli, u di fatti, fil-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet qabel ma eventwalment nieda l-proċeduri odjerni, ir-rikorrent stess kien ippropona li "*we agree on a sum that you will pay me so that thereafter I will be solely responsible to fix the car myself.*" (vide fol 24)

73. Jirriżulta wkoll illi anke l-Perit Tekniku tal-Qorti, fil-konklużjonijet tiegħu, ikkonkluda illi l-ħsara setgħet tiġi rimedjata, jew billi jinbidel ic-*Cylinder Head* versu spiża totali ta' ftit anqas minn €2,800, jew billi titranġa l-parti difetttuża, bi spiża ta' ftit anqas minn €900.

74. Dana qiegħed jingħad għax, mill-assjem tal-provi kif fuq indikati w il-fatti kif deskritti minn kulħadd, filwaqt li l-Qorti tqis illi ma jeżistux l-estremi sabiex azzjoni redhibitorja kif ittentata mir-rikorrent tagħmel ġustizzja maż-żewġ partijiet fil-kawża, kif inhuwa dejjem l-obbligu tal-Qrati illi jaraw li jsir, żertament il-ħsarat u pretensjonijiet tar-rikorrenti kienu tali illi azzjoni aestimatorja kienet ċertament tintlaqa' mingħajr ebda diffikulta.

75. Madanakollu, ir-rikorrent għażel it-triq tal-azzjoni redhibtorja, u għalhekk il-Qorti hija obbligata tillimita d-deċiżjoni tagħha fuq dak hemm mitlub.

76. Ikkunsidrat dawna l-fatti kollha, il-Qorti ma tistax ma tasalx għall-konklużjoni illi l-estremi sabiex tintlaqa' t-talba tal-azzjoni redhibitorja u konsegwenti rexissjoni tal-bejgħ ma jeżistux, u għalhekk it-talba kif redatta ma tistax tintlaqa'.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet ix-xhieda;

Wara illi semgħet is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni u għalhekk tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lil Andrew Cremona.

**Tiċħad** it-tieni eċċezzjoni ta' l-intimati billi l-azzjoni odjerna m'hijiex preskritta.

Filwaqt illi fil-meritu;

**Tilqa'** l-ewwel talba b'dan illi tiddikjara illi l-vettura kienet kolpita b'difett moħbi, li huwa rimedjabbli u li għalih hija responsabbli s-soċjeta' intimata Emotion Imports Limited filwaqt illi;

**Tiċħad** it-tieni talba fejn intalbet ir-rexissjoni tal-kuntratt ta' bejgħ tal-vettura Mini Cooper Park Lane numru ta' reġistrazzjoni BCD 507 kif ukoll;

**Tiċħad** it-tielet, raba', ħames u sitt talba tar-rikorrent.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**